# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Ġunju 2022**

**Talba Nru: 189/21 JG**
**Numru fuq il-lista: 6**

**GO p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Celier Aviation Malta Limited (C67634)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2021, permezz ta' liema, is-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas l-ammont ta' elfejn, mitejn, tmienja u disgħin Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€2,298.96) rappreżentanti servizzi reżi u mhux imħallsa, kif aħjar

deskritti fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri, dawk tal-ittra uffiċjali u l-imgħax[1];

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż[2];

Ra li s-soċjetá konvenuta ġiet debitament notifikata[3] iżda la ppreżentat risposta fit-terminu li trid il-liġi u lanqas rreġistrat dehra f'dawn il-proċeduri. B'hekk ġie dikjarat li waqgħet fi stat ta' kontumaċja hekk kif reġistrat fis-seduta tal-21 ta' April 2022[4];

Sema' x-xhieda ta' Maryanne Camilleri[5];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġà ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, l-konvenut f'dawn il-proċeduri naqas milli jsegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġie dikjarat li kien waqa' fi stat ta' kontumaċja.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[6].

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] Dok A sa Dok D.
[3] Permezz tal-proċedura t'affissjoni u pubblikazzjoni.
[4] A fol 40 tal-proċess.
[5] Magħmula fis-seduta tal-21 ta' April 2022 u li tibda a fol 41 tal-proċess.
[6] *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020.

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess mir-rappreżentanta tas-soċjetá attriċi m'għandux jitwemmen, u dan ukoll wara analiżi tad-dokumenti ppreżentati u b'hekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-talba.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' elfejn, mitejn, tmienja u disgħin Ewro u sitta u disgħin ċentesmu (€2,298.96) bl-imgħax legali mid-19 ta' Novembru 2020[7] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 480/2021, jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[7] Ġurnata wara li l-kont ġie dovut u dan wara lit-Tribunal iqis li din kienet operazzjoni bejn intrapriżi kummerċjali.